# Pitturi fuq Santa Katerina V.M. fiż-Żejtun

Fis-snin 1729-30 kien tlesta l-bini tal-parti l-kbira tal-knisja parrokkjali preżenti, inkluż il-kor. Id-differenza milli kif nafuha llum, kienet fin-navi li nbnew madwar 50 sena wara, u l-koppla li, barra li ma kellhiex lanterna, kellha l-iskutella aktar sempliċi minn dik ta' llum. Sa mis-sena 1712 kien ilu kappillan taż-Żejtun il-Bormliż Dun Anton Gafà, filwaqt li l-Vittorjosan Dun Lawrenz Mallia kien ukoll ilu xi snin prokuratur tal-knisja u viċi-kappillan. L-ewwel ħaġa li għamlu wara l-bini tal-knisja, kienet li jibdew jarmaw u jiddekoraw il-kor.

## Artisti li Ħadmu fil-Kor

Fost l-artisti li Dun Lawrenz Mallia qabbad biex iżejnu l-kor, kien hemm l-iskultur u statwarju Senglean Pietru Pawl Zahra, ibnu żagħżugħ Francesco Zahra, u l-pittur ftit li xejn magħruf Giovanni Antonio Mamo. Pietru Pawl Zahra għamel erba' statwi kbar tal-ġebel għal ġewwa l-kor. Dawn kienu żewġ anġli li llum m'għadhomx jeżistu, u San Girgor u Santu Wistin. Francesco Zahra, li kien għad kellu biss 20 sena, pitter iż-żewġ kwadri ta' San Pietru u San Pawl, fuq il-ġnub tal-kwadru l-kbir ta' Santa Katerina.

Minn dan aħna ċerti, għaliex il-pittur jissemma b'ismu fir-reġistru tal-kontijiet. Anzi nafu wkoll li għal wieħed minnhom ma riedx ħlas. Dawn iż-żewġ kwadri ġew mibdula fis-sena 1952, meta flokhom tpoġġew oħrajn impittra minn Tusè Busuttil[1], u dawk ta' Zahra ma nafux x'sar minnhom. Is-sotto-kwadru fuq l-artal tal-kor hu wkoll xogħol ta' Francesco Zahra, u minn dan ukoll aħna ċerti, għaliex ismu hawn ukoll jissemma espressament fir-reġistru tal-kontijiet. Fortunatament dan il-kwadru ċkejken ta' Marija Assunta qatt ma ġie mibdul.

## Episodji mill-Ħajja ta' Santa Katerina

Iż-żewġ kwadri l-oħra li saru fl-istess żmien, huma l-kwadri laterali tal-kor li jirrappreżentaw żewġ episodji mill-ħajja ta' Santa Katerina. Dak tal-lemin juri d-disputa tal-qaddisa mal-filosfi fil-preżenza ta' Massiminu, u dak tax-xellug juri l-anġli li jittrasportaw il-ġisem ta' Santa Katerina għal fuq l-għolja tas-Sinaj wara l-qtugħ ta' rasha. Huma żewġ kwadri kbar ta' daqs 457 x 337 ċentimetri u huma pittura fuq it-tila. Wisq probabbli li t-tnejn saru minn Francesco Zahra, iżda, għall-inqas għalissa m'aħniex ċerti mija fil-mija dwar min kien il-pittur, għaliex dokumenti m'għandniex – la riċevuti u lanqas notamenti fir-reġistri tal-kontijiet. Ma rridux ninsew li sfortunatament xi wħud mir-reġistri m'għadhomx jeżistu fl-Arkivju Parrokkjali. Dari l-istorja ftit li xejn kienu jagħtuha importanza, u allura reġistri bħal dawn, li aħna tant napprezzaw, għalihom ma kellhom ebda valur speċjali. Ukoll għall-istess prokuraturi, isem il-pittur ma tantx kien speċjali. L-aqwa li kien ikollhom minn fejn idaħħlu l-flus, ħalli jkollhom biex iħallsu. Għalhekk spiss isem lil min iħallsu kien jibqa' barra! Iżda dawn il-kwadri kbar laterali fil-kor taż-Żejtun, nistgħu nattribwuhom lil Francesco Zahra, kemm minħabba l-istil tagħhom li jidher li hu tiegħu, kif ukoll minħabba ż-żmien li fih saru. U fuq kollox aħna ċerti li Zahra ħadem fil-kor taż-Żejtun.

## Id-Disputa ta' Santa Katerina mal-Filosfi

Fil-kwadri tad-disputa, il-figura ta' Santa Katerina hi mogħtija importanza, billi l-pittur qiegħda eżatt fiċ-ċentru tal-kwadru, u allura l-attenzjoni ta' l-ispettatur tmur mill-ewwel fuqha. Santa Katerina hi bilwieqfa, b'ħaristha u idejha l-leminija lejn Massiminu, filwaqt li b'subgħajha wieħed qiegħda tgħidlu li hemm biss Alla wieħed veru, li hu dak Alla li hi temmen fih. B'idha x-xellugija qiegħda żżomm parti minn ilbiesha li allura, fil-parti l-kbira, hu ta' kulur abjad u bid-dawl mitfugħ fuqu.

Dan ukoll jgħin biex l-attenzjoni tinġibed għal fuqha. Massiminu, bilqiegħda fuq it-tron imżejjen b'baldakkin, u b'idu x-xellugija jżomm wiċċu, jidher ħosbien iħares lejn Santa Katerina u jixtarr il-kliem li ħiereġ minn fommha. Suldat wara Santa Katerina qiegħed jipprova jiġbdilha l-attenzjoni, billi b'idu x-xellugija jindikalha l-istatwa ta' alla falz, u s'intendi jħajjarha tqimu. Il-kwadru hu miżgħud b'numru ġmielu ta' filosfi lkoll jippruvaw għall-ewwel jikkonfrontaw dak li kienet qiegħda tgħid il-verġni qaddisa, iżda mbagħad jaslu biex tant jemmnu kliemha li wkoll bħalha jieħdu l-martirju.

Wieħed mill-filosfi fuq ix-xelluq qed juri lil Santa Katerina u jkellimha mill-bogħod, filwaqt li ieħor ħdejn riġlejh qed jipprova jkellmu. It-tnejn tal-lemin huma assorbiti fil-kotba li għandhom quddiemhom, u wieħed minnhom qed jindika lill-ieħor riferenza fi ktieb. Wisq probabbli li qiegħed jurih xi versi li jippruvaw il-verità tat-tagħlim ta' Santa Katerina. Il-filosfu li jidher bilwieqfa liebes in-nuċċali! Fin-naħa ta' quddiem tal-kwadru, fil-parti ta' isfel, jidhru xi kotba, min miftuħ u min magħluq, imferrxin fl-art – sinjal li l-filosfi tħabtu biex jikkonfrontaw, u wara jemmnu, it-tagħlim tax-xbejba qaddisa. Fuq in-naħa ta' fuq tal-kwadru jidher minn ġewwa l-palazz ta' Massiminu, mibni fuq stil klassiku.

## It-Trasport tal-Ġisem ta' Santa Katerina



*It-trasport tal-ġisem ta' Santa Katerina għal fuq is-Sinai – kwadru laterali fil-kor tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun.*

Il-kwadru ta' fuq ix-xellug jirrappreżenta t-trasport tal-ġisem mejjet ta' Santa Katerina mill-anġli għal fuq l-għolja tas-Sinaj. Għal darb'oħra l-ġisem ta' Santa Katerina jidher fiċ-ċentru tal-kwadru.

Ġisimha hu stendut fuq liżar abjad u fih il-kulur pallidu ta' ġisem mejjet. Idejha huma msallbin fuq sidirha, bil-palma tal-martirju tidher ħierġa minn taħt dirajha. Iċ-ċentru tal-kwadru hu mdawwal, indikazzjoni tal-glorja tal-qaddisa, filwaqt li l-ġnub tal-kwadru huma fid-dell. Tliet anġli kbar, il-ġmiel tagħhom, iġorru l-ġisem tal-qaddisa, filwaqt li r-raba' anġlu jġorr rasha maqtugħa minn ġisimha. Anġlu ieħor għarkobbtejh fuq in-naħa tax-xellug qiegħed jidderieġi lill-anġli l-oħra, filwaqt li b'ħarstu lura donnu qiegħed attent għal xi ħaġa li tista' tinqala'!



*Dettall mid-disputa, xogħol ta' Francesco Zahra fiż-Żejtun.*

Il-ġilju, simbolu tal-purità verġinali tal-qaddisa, hu wkoll mogħti prominenza, billi jidher fin-nofs tal-kwadru ftit 'il fuq, abjad fuq sfond sewdieni, filwaqt li r-rota bis-skieken imkissra, simbolu tal-martirju tal-qaddisa, tidher fil-parti ta' isfel, fin-nofs ukoll. Hekk għandna ż-żewġ simboli tal-verġinità u l-martirju. Żewġ anġli żgħar (puttini) jidhru jittajru fil-għoli, filwaqt li x-xenarju mdallam jinkludi bini forma ta' torri. In-naħa ta' isfel fuq il-lemin jidhru l-fdalijiet ta' xi bini mwaqqa' – kapitell u kolonni mkissrin. Forsi bihom il-pittur ried simbolikament ifisser ir-rebħa tal-qaddisa fuq is-setgħa ta' l-Imperu pagan.

## Il-Pittur Francesco Zahra (1710-1773)

Francesco Vincenzo Zahra, il-pittur li lilu huma attribwiti dawn iż-żewġ kwadri laterali, twieled fl-Isla fejn ġie mgħammed fil-15 ta' Diċembru 1710. Kemm min-naħa ta' missieru Pietru Pawl Zahra, u min-naħa ta' ommu Augustina Casanova, kienu ġejjin minn familji magħrufa għax-xogħol ta' skultura fil-ġebla Maltija.[2] Jingħad li għall-ewwel Francesco ntefa' fuq xogħol ta' skultura u kien wara li qaleb għall-pittura. Meta kien għad kellu biss 20 sena, hu beda jaħdem ma' missieru fuq xogħol fil-kor taż-Żejtun. Sentejn wara hu pitter kwadru għall-knisja tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat: Tliet Qaddisin Dumnikani jaduraw l-Isem Imqaddes ta' Ġesù.

## It-Trasport tal-Ġisem ta' Santa Katerina



*It-trasport tal-ġisem ta' Santa Katerina għal fuq is-Sinai – kwadru laterali fil-kor tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun.*

Il-kwadru ta' fuq ix-xellug jirrappreżenta t-trasport tal-ġisem mejjet ta' Santa Katerina mill-anġli għal fuq l-għolja tas-Sinaj. Għal darb'oħra l-ġisem ta' Santa Katerina jidher fiċ-ċentru tal-kwadru.

Ġisimha hu stendut fuq liżar abjad u fih il-kulur pallidu ta' ġisem mejjet. Idejha huma msallbin fuq sidirha, bil-palma tal-martirju tidher ħierġa minn taħt dirajha. Iċ-ċentru tal-kwadru hu mdawwal, indikazzjoni tal-glorja tal-qaddisa, filwaqt li l-ġnub tal-kwadru huma fid-dell. Tliet anġli kbar, il-ġmiel tagħhom, iġorru l-ġisem tal-qaddisa, filwaqt li r-raba' anġlu jġorr rasha maqtugħa minn ġisimha. Anġlu ieħor għarkobbtejh fuq in-naħa tax-xellug qiegħed jidderieġi lill-anġli l-oħra, filwaqt li b'ħarstu lura donnu qiegħed attent għal xi ħaġa li tista' tinqala'!



*Dettall mid-disputa, xogħol ta' Francesco Zahra fiż-Żejtun.*

Il-ġilju, simbolu tal-purità verġinali tal-qaddisa, hu wkoll mogħti prominenza, billi jidher fin-nofs tal-kwadru ftit 'il fuq, abjad fuq sfond sewdieni, filwaqt li r-rota bis-skieken imkissra, simbolu tal-martirju tal-qaddisa, tidher fil-parti ta' isfel, fin-nofs ukoll. Hekk għandna ż-żewġ simboli tal-verġinità u l-martirju. Żewġ anġli żgħar (puttini) jidhru jittajru fil-għoli, filwaqt li x-xenarju mdallam jinkludi bini forma ta' torri. In-naħa ta' isfel fuq il-lemin jidhru l-fdalijiet ta' xi bini mwaqqa' – kapitell u kolonni mkissrin. Forsi bihom il-pittur ried simbolikament ifisser ir-rebħa tal-qaddisa fuq is-setgħa ta' l-Imperu pagan.

## Il-Pittur Francesco Zahra (1710-1773)

Francesco Vincenzo Zahra, il-pittur li lilu huma attribwiti dawn iż-żewġ kwadri laterali, twieled fl-Isla fejn ġie mgħammed fil-15 ta' Diċembru 1710. Kemm min-naħa ta' missieru Pietru Pawl Zahra, u min-naħa ta' ommu Augustina Casanova, kienu ġejjin minn familji magħrufa għax-xogħol ta' skultura fil-ġebla Maltija.[2] Jingħad li għall-ewwel Francesco ntefa' fuq xogħol ta' skultura u kien wara li qaleb għall-pittura. Meta kien għad kellu biss 20 sena, hu beda jaħdem ma' missieru fuq xogħol fil-kor taż-Żejtun. Sentejn wara hu pitter kwadru għall-knisja tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat: Tliet Qaddisin Dumnikani jaduraw l-Isem Imqaddes ta' Ġesù.



*Id-disputa, il-kwadru laterali l-ieħor fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun.*

Fl-1735 hu pitter il-kwadri laterali għall-kor tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl fil-Belt Valletta. Aktar 'il quddiem hu pitter numru kbir ta' kwadri għal bosta mill-knejjes Maltin. Fiż-Żejtun għandna biex niftaħru bi ftit mill-aħjar xogħlijiet tiegħu: is-sett brillanti tas-sitt kwadri mdaqqsin fl-oratorju li jirrappreżentaw episodji mill-Antik Testment. Zahra rari kienjiffirma x-xogħlijiet tiegħu u dawn il-kwadri m'humiex iffirmati, iżda aħna ċerti li huma tiegħu, għaliex fl-Arkivju Parrokkjali għadha teżisti rċevuta tal-ħlas iffirmata minnu stess. Opra oħra mill-aqwa tiegħu fiż-Żejtun hi l-arzella tal-Madonna tar-Rużarju, li fortunatament din mhix biss iffirmata, iżda li wkoll iġġib id-data tas-sena meta saret: 1740. F'dan ix-xogħol ta' l-arzella, Zahra jimita lil Mattia Preti fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, għaliex bħalu pitter direttament fuq il-ġebla.

Bosta huma l-kwadri oħra fiż-Żejtun li huma attribwiti lilu. Zahra jibqa' mfakkar għax-xogħol li għandu fl-Awla Kapitulari tal-Katidral ta' l-Imdina. Fl-1743 hu żżewweġ lil Tereża Fenech fil-Belt Valletta u kellhom ħamest itfal. Miet fl-1773.

## Ir-Restawr tal-Kwadri

Għal dak li hu livell artistiku, dawn iż-żewġ kwadri tal-kor ma jilħqux il-grad għoli tal-kwadri ta' l-oratorju u ta' l-arzella tar-Rużarju. Jista' jkun li r-raġuni hi li Zahra għamilhom meta kien għadu fil-bidu tal-karriera artistika tiegħu – possibbilment bejn is-snin 1731-1733, għalkemm ma nafux is-sena eżatta.

Jista' jkun li saru minnu aktar tard, fi żmien meta Zahra tant kien imħabbat bil-ħafna xogħol li kellu, li partijiet minnhom ħallihom f'idejn l-allievi tiegħu, per eżempju, xejn m'hi feliċi s-sieq milwija b'mod tassew stramb ta' wieħed mill-profeti fir-rokna ta' isfel naħa tal-lemin fil-kwadru tad-disputa! Ovvjament il-kwadri li għandna ġew restawrati aktar minn darba matul dawn il-260 sena li ilhom jeżistu.

Jien irnexxieli nsir naf b'żewġ restawri li saru fis-seklu 20. Hekk fis-sena 1914, fi żmien l-Arċipriet Lawrenz Debariele, kien il-pittur Carmelo Debono, minn Ħ'Attard, li rrestawrahom. Hemm imniżżel fl-Arkivju Parrokkjali: *A Carmelo Debono, pittore di C. Attard, per diversi lavori fatti nella Chiesa di Zeitun, in specie in Coro... £18 - 1s - 3d.*[3]

Kien żmien meta kien qiegħed isir ħafna tibdil fil-kor, meta l-istatwi ta' San Girgor u Santu Wistin, ta' Pietru Pawl Zahra, ġew imneħħija mill-kor.

Fost id-donaturi li kkontribwew għal dan ix-xogħol, tajjeb li nsemmu lil ċerta armla Maria Concetta Grech, li ħarget is-somma kbira ħafna għal dak iż-żmien ta' £28.

Fl-istess żmien l-iskultur Ġużeppi Baldacchino kien inkarigat mix-xogħol ta' l-iskultura.

Dan Baldacchino, barra li għamel xi żmien president tal-Banda Beland, kien miżżewweġ għand il-familja tal-magħruf skultur Żejtuni Xandru Farrugia. Restawr ieħor tal-kwadri sar minn Maurice Cordina fil-bidu tas-snin sebgħin.[5]

## Id-Drawwa ta' Żewġ Kwadri Laterali fil-Korijiet

Mid-diversi settijiet ta' żewġ kwadri laterali li Francesco Zahra pitter għall-knejjes ta' Malta, l-aktar li rnexxielu kien is-sett dwar il-ħajja ta' San Filep li hu għamel għall-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Kienet bdiet dieħla d-drawwa li l-kor tal-knisja jiġi mżejjen b'żewġ kwadri kbar b'episodji mill-ħajja tal-qaddis patrun jew qaddisa patrunt tal-parroċċa partikolari. U ż-Żwieten għamlu l-istess. Bis-saħħa ta' hekk għandna żewġ kwadri kbar li, għalkemm f'dik li hi arti l-pittur ma laħaqx fihom il-livell għoli li wera f'opri oħra li għandu fiż-Żejtun stess, madankollu bihom fakkar liż-Żwieten f'żewġ punti saljenti mill-ħajja u l-martirju tal-qaddisa patruna tagħhom, u ta' dan għandna għalfejn inkunu rikonoxxenti lejh, kif ukoll lejn il-Kappillan Dun Lawrenz Mallia li, għalkemm mill-Birgu, fix-xogħol wera ħeġġa u entużjażmu daqs li kieku kien Żejtuni, iben **Santa Katerina**.